# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

18.7.2007 PE 392.153v01-00

**EMENDI 1-159**

**Abbozz ta' rapport** **(PE 380.871v01-00)**
**Lilli Gruber**
dwar Pjan ta' Politika dwar l-Immigrazzjoni Legali
2006/2251(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

---

Emenda mressqa minn Alfredo Antoniozzi

Emenda 1
Ċitazzjoni 7

***Imħassra***

Or. it

Emenda mressqa minn Jean Lambert

Emenda 2
Ċitazzjoni 9 (ġdida)

- ***wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Aġenda Komuni għall-Integrazzjoni - Qafas għall-Integrazzjoni ta' Ċittadini ta' Pajjiż Terz fl-Unjoni Ewropea, u r-riżoluzzjoni adottata mill-Parlament Ewropew fis-6 ta' Lulju 2006 dwar strateġiji u mezzi għall-integrazzjoni ta' immigranti fl-Unjoni Ewropea (P6_TA(2006)0318).***

Or. en

Emenda mressqa minn Alfredo Antoniozzi

Emenda 3
Premessa B

B. billi approċċ globali u koerenti għall-immigrazzjoni huwa neċessarju fil-livell Ewropew ***minħabba li*** modifika tal-politika għall-immigrazzjoni fi Stat Membru tinfluwenza l-fluss ta' immigrazzjoni u l-evoluzzjoni fi Stati Membri oħra ***(tħassir),***

Or. it

Emenda mressqa minn Johannes Blokland

Emenda 4
Premessa B

B ***(tħassir)*** billi modifika tal-politika għall-immigrazzjoni fi Stat Membru tinfluwenza l-fluss ta' immigrazzjoni u l-evoluzzjoni fi Stati Membri oħra; billi meta titqies id-diffikultà li jintlaħaq ftehim bejn l-Istati Membri, hija biss azzjoni koordinata fil-livell Ewropew li tista' tippermetti li jkun hemm politika koerenti u globali;

Or. nl

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 5
Premessa B

B. billi approċċ globali u koerenti għall-immigrazzjoni huwa neċessarju fil-livell Ewropew ***għaliex*** modifika ***(imħassar)*** tal-politika għall-immigrazzjoni fi Stat Membru tinfluwenza l-fluss ta' immigrazzjoni u l-evoluzzjoni fi Stati Membri oħra ***(imħassar),***

Or. en

Emenda mressqa minn Giusto Catania

Emenda 6
Premessa B a (ġdida)

***Ba. billi fil-parti tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fil-Pjan ta' Politika dwar l-Immigrazzjoni Legali bit-titolu 'Tkabbir ta' l-Għarfien u l-Informazzjoni' tgħid li għandhom isiru aktar studji dwar permessi għal dawk li qed ifittxu x-xogħol,***

Or. it

Emenda mressqa minn Jean Lambert

Emenda 7
Premessa B a (ġdida)

***Ba. billi l-immigrazzjoni hi fenomenu internazzjonali li fih huma involuti wkoll iċ-ċittadini ta' l-UE bħala immigranti huma stess,***

Or. en

Emenda mressqa minn Johannes Blokland

Emenda 8
Premessa C

C. billi l-immigrazzjoni, fi żmien xi għexieren ta' snin, saret tikkostitwixxi tema ċentrali tad-dibattitu pubbliku fl-Unjoni Ewropea kollha kemm hi ***(tħassir),***

Or. nl

Emenda mressqa minn Giusto Catania

Emenda 9
Premessa C a (ġdida)

***Ca. billi l-adozzjoni tar-regoli tal-Komunità li joffru mezzi xierqa għall-immigrazzjoni legali għandhom jiġu qabel u jħejju t-triq għall-approvazzjoni ta' kwalunkwe dispożizzjoni rigward politiki ta' ripatrijazzjoni,***

Or. it

Emenda mressqa minn Jean Lambert

Emenda 10
Premessa C a (ġdida)

***Ca. billi hemm bżonn ta' definizzjoni ta' immigranti li tkun aktar komprensiva u inklussiva u li tinkludi definizzjoni ta' l-istejtus tal-persuni li mhumiex refuġjati imma ma jistgħux jintbagħtu lura lejn il-pajjiż ta' l-oriġini tagħhom, li tirrifletti l-***

***iżviluppi tal-flussi migratorji,***

Or. en

Emenda mressqa minn Alfredo Antoniozzi

Emenda 11
Premessa D

***Imħassra***

Or. it

Emenda mressqa minn Johannes Blokland

Emenda 12
Premessa D

***imħassra***

Or. nl

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 13
Premessa D

***imħassra***

Or. en

Emenda mressqa minn Jean Lambert

Emenda 14
Premessa D

D. billi r-responsabiltà u l-irwol tal-ġurnalisti u tal-persuni fid-dinja tal-midja ***hi kruċjali għall-perċezzjoni tal-pubbliku dwar l-immigrazzjoni b'mod ġenerali, u billi l-attenzjoni prinċipali dwar traġedji umani u sitwazzjonijiet ta' kriżi ħafna drabi jiddominaw dan is-suġġett li hu ferm kompless,***

Or. en

Emenda mressqa minn Alfredo Antoniozzi

Emenda 15
Premessa E

***Imħassra***

Or. it

Emenda mressqa minn Johannes Blokland

Emenda 16
Premessa E

E. billi ***l-kawżi u l-konsegwenzi ta' l-immigrazzjoni legali u illegali għandhom ikunu meqjusa b'mod bilanċjat f'***dibattitu pubbliku, ***(tħassir) b'attenzjoni akbar fuq*** id-diffikultajiet u l-problemi li din tista' tikkawża,

Or. nl

Emenda mressqa minn Alfredo Antoniozzi

Emenda 17
Premessa F

F. billi ***hu importanti li jkun rikonoxxut li ż-żieda fil-fluss ta' l-immigranti għandha titqies bħala fenomenu globali li għandu għadd ta' kawżi u effetti,***

Or. it

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 18
Premessa F

F. billi ***(imħassar) hu importanti li jkun rikonoxxut li ż-żieda fil-fluss ta' l-immigranti għandha titqies bħala fenomenu globali li għandu għadd ta' kawżi u effetti,***

Or. en

Emenda mressqa minn Jean Lambert

Emenda 19
Premessa G a (ġdida)

***Ga. billi għadd ta' persuni jistgħu jagħżlu li jemigraw sabiex itejbu l-edukazzjoni tagħhom jew bħala esperjenza ta' xogħol jew minħabba l-ħtiġijiet tan-negozju tagħhom jew għal raġunijiet familjari,***

Or. en

Emenda mressqa minn Alfredo Antoniozzi

Emenda 20
Premessa H

H. ***billi ir-realtajiet tax-xjuħija u l-bidla demografika iwasslu għal konsiderazzjoni mill-ġdid tal-politika ta' l-immigrazzjoni, minħabba li s-sitwazzjoni attwali u tal-ġejjieni tas-swieq ta' l-impjiegi ta' l-UE jistgħu, f'termini ġenerali, jkunu deskritti bħala sitwazzjoni li teħtieġ immigrazzjoni legali mmexxija sew,***

Or. it

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 21
Premessa H

H. ***billi r-realtà tax-xjuħija u tal-bidla demografika teħtieġ konsiderazzjoni mill-ġdid tal-politiki ta' l-immigrazzjoni minħabba li sitwazzjoni attwali u tal-ġejjieni tas-swieq tax-xogħol ta' l-UE tista' tiġi deskritta bħala li għandha bżonn ta' immigrazzjoni legali mmexxija sew,***

Or. en

Emenda mressqa minn Johannes Blokland

Emenda 22
Premessa H

H. ***billi fil-preżent għaddej dibattitu dwar jekk*** l-immigrazzjoni ***tibbilanċjax*** it-tendenza li tonqos id-demografija Ewropea ***(tħassir)***; u billi immigrazzjoni ekonomika legali hija ***possibbli*** f'Ewropa fejn, skond l-Eurostat, il-popolazzjoni f'età li taħdem fil-popolazzjoni kollha għandha tonqos b'iktar minn 50 miljun sa l-2050,

Or. nl

Emenda mressqa minn Lilli Gruber

Emenda 23
Premessa H

H. billi jitqiesu l-vantaġġi ta' l-immigrazzjoni, li tikkontribwixxi sabiex tibbilanċja t-tendenza li tonqos id-demografija Ewropea u sabiex tappoġġa t-tkabbir fl-Ewropa; u billi immigrazzjoni ekonomika legali hija neċessarja f'Ewropa fejn, skond l-Eurostat, il-popolazzjoni f'età li taħdem fil-popolazzjoni kollha ***se*** tonqos b'iktar minn 50 miljun sa l-2050,

Or. es

Emenda mressqa minn Jean Lambert

Emenda 24
Premessa H

H. billi jitqiesu l-vantaġġi ta' l-immigrazzjoni, li tikkontribwixxi sabiex tibbilanċja t-tendenza li tonqos id-demografija Ewropea u sabiex tappoġġa t-tkabbir fl-Ewropa; u billi immigrazzjoni ekonomika legali ***u li barranin jissettiljaw huma*** *neċessarji* f'Ewropa fejn, skond l-Eurostat, il-popolazzjoni f'età li taħdem fil-popolazzjoni kollha għandha tonqos b'iktar minn 50 miljun sa l-2050,

Or. en

Emenda mressqa minn Giusto Catania

Emenda 25
Premessa H a (ġdida)

***Ha. billi skond il-Green Paper dwar l-approċċ ta' l-UE dwar it-tmexxija tal-immigrazzjoni ekonomika (COM(2004)0811), l-Unjoni Ewropea se teħtieġ bejn wieħed u ieħor 20 miljun immigrant sa l-2030, u jekk dan ma jintlaħaqx mhux se jkun possibbli għall-Ewropa li tilħaq il-miri ta' l-Istrateġija ta' Liżbona u jkollha tirrestrinġi l-ħarsien soċjali,***

Or. it

Emenda mressqa minn Alfredo Antoniozzi

Emenda 26
Premessa I

I. billi meta jitqies l-irwol ta' l-immigrazzjoni fl-iżvilupp ekonomiku, fit-tkabbir u b'hekk fl-impjieg fl-Ewropa, ikun utli li ***s-soċjetà ċivili tista'*** *tkun* iktar *assoċjata* mad-dibattitu pubbliku dwar dawn il-kwistjonijiet,

Or. it

Emenda mressqa minn Inger Segelström

Emenda 27
Premessa I a (ġdida)

***Ia. billi l-grupp li jsofri l-aktar forom ta' diskriminazzjoni fis-suq ta' l-impjiegi hu n-nisa immigranti; billi huma segregati, isofru diskriminazzjoni fil-paga u jkunu mġiegħla jaċċettaw l-agħar kundizzjonijiet tax-xogħol u inqas sigurtà dwar l-impjieg,***

Or. sv

Emenda mressqa minn Alfredo Antoniozzi

Emenda 28
Premessa J

***Imħassra***

Or. it

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 29
Premessa J

***imħassra***

Or. en

Emenda mressqa minn Alfredo Antoniozzi

Emenda 30
Premessa K

***Imħassra***

Or. it

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 31
Premessa K

K. billi ***l-kontrolli dwar*** immigrazzjoni legali ***saru aktar iebsa,*** billi bosta pajjiżi implementaw sistemi ***differenti*** ta' immigrazzjoni legali ***(imħassar)*** li jistrieħu fuq ***(imħassar)*** *il*-kisba ta' numru ta' ***ta' kwoti jew ta'*** punti; ***(imħassar)*** billi mhuwiex għalhekk sew li wieħed jagħti x'jifhem li l-immigrazzjoni mhijiex ikkontrollata,

Or. en

Emenda mressqa minn Giusto Catania

Emenda 32
Premessa K a (ġdida)

***Ka. billi in-natura estremament restrittiva ta' l-għażliet attwali biex wieħed jidħol legalment fl-Unjoni Ewropea b'mod indirett tħeġġeġ immigrazzjoni irregolari,***

Or. it

Emenda mressqa minn Ona Juknevičienė

Emenda 33
Premessa L (ġdida)

***L. billi in-nuqqas ta' ħaddiema u kompetenzi fl-UE huma kkawżati parzjalment mir-restrizzjonijiet applikati għall-moviment ħieles ta' persuni fl-Istati Membri l-ġodda,***

Or. en

Emenda mressqa minn Giusto Catania

Emenda 34
Premessa L

L. billi wieħed għandu jfakkar li l-prinċipju ta' preferenza Komunitarja ***(li jikkostitwixxi forma ta' diskriminazzjoni kontra persuni minn pajjiżi li mhumiex fl-UE)*** japplika fil-qasam ta' l-immigrazzjoni ekonomika u li miżuri ta' tranżizzjoni jikkonċernaw il-moviment liberu taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri l-ġodda,

Or. it

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 35
Premessa M

M. billi ***il-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u t-traffikar ta' persuni hi daqstant inseparabbli minn politiki għad-dħul ta' immigranti ekonomiċi daqs kemm hi minn miżuri dwar integrazzjoni,***

Or. en

Emenda mressqa minn Marian-Jean Marinescu

Emenda 36
Premessa M

M. billi ***il-ftuħ ta' mezzi għall-immigrazzjoni legali jikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u t-traffikar ta' persuni,***

Or. en

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 37
Premessa N

***imħassra***

Or. en

Emenda mressqa minn Alfredo Antoniozzi

Emenda 38
Premessa N

N. billi, fil-qafas tat-trattati attwali kif ukoll f'dak tal-proġett għat-trattat kostituzzjonali ***l-ġdid***, l-Istati Membri huma responsabbli de jure u de facto għall-iffissar tan-numru ta' migranti ekonomiċi ammessi fl-Unjoni għal skopijiet ta' impjieg,

Or. it

Emenda mressqa minn Johannes Blokland

Emenda 39
Premessa N

N. billi, skond ***(thassir)*** *it*-trattati attwali ***(thassir),*** l-Istati Membri huma responsabbli de jure u de facto għall-iffissar tan-numru ta' migranti ekonomiċi ammessi fl-Unjoni għal skopijiet ta' impjieg,

Or. nl

Emenda mressqa minn Giusto Catania

Emenda 40
Premessa N a (ġdida)

***Na. billi jkun aktar effettiv li titnieda politika komuni dwar l-immigrazzjoni legali billi jitwaqqaf ippjanar plurijennali fir-rigward ta' dħul legali fuq livell ta' UE,***

Or. it

Emenda mressqa minn Alfredo Antoniozzi

Emenda 41
Premessa O

***Imħassra***

Or. it

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 42
Premessa O

***imħassra***

Or. en

Emenda mressqa minn Johannes Blokland

Emenda 43
Premessa O

O. billi d-differenzi fil-proċeduri previsti mit-trattat f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-immigrazzjoni illegali (codeċiżjoni mal-Parlament u maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill) u ma' l-immigrazzjoni legali (konsultazzjoni tal-Parlament u unanimità fil-Kunsill) ***jagħmluha ċara li l-Istati Membri jixtiequ jżommu kontroll dirett fuq il-politika ta' l-immigrazzjoni,***

Or. nl

Emenda mressqa minn Giusto Catania

Emenda 44
Premessa O a (ġdida)

***Oa. billi ħafna mill-immigranti attwalment residenti fuq bażi legali fl-Istati Membri daħlu fit-territorju ta' l-UE permezz ta' mezzi illegali, li jikkonferma li l-politiki attwali ma jinkoraġġux dħul b'mod legali,***

Or. it

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 45
Premessa P

***imħassra***

Or. en

Emenda mressqa minn Giusto Catania

Emenda 46
Premessa P

P. billi l-immigrazzjoni legali għandu jkollha politika effikaċi għall-integrazzjoni; billi l-integrazzjoni tikkostitwixxi proċess minn żewġ naħat li jikkonċerna kemm lill-immigranti minn pajjiżi terzi kif ukoll lill-popolazzjoni Ewropea ***(tħassir),***

Or. it

Emenda mressqa minn Inger Segelström

Emenda 47
Premessa P

P. billi l-immigrazzjoni legali għandu jkollha politika effikaċi għall-integrazzjoni; billi l-integrazzjoni tikkostitwixxi proċess minn żewġ naħat li jikkonċerna kemm lill-immigranti minn pajjiżi terzi kif ukoll lill-popolazzjoni Ewropea, u li ma tistax ħlief tkun konnessa ma' u tistrieħ fuq ir-rispett tad-dmirijiet lejn il-pajjiż li jilqa' l-immigranti u fuq ir-rispett tad-drittijiet tal-persuna; ***billi l-opportunità għall-individwi li jgħixu mas-sieħeb/sieħba u mat-tfal għandu jkun inkoraġġit u ffaċilitat,***

Or. sv

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 48
Paragrafu 1

1. Jilqa' r-***rispons tal-Kummissjoni għat-talba tal-Kunsill Ewropew għal pjan ta' politika dwar l-immigrazzjoni legali li jinkludi proċeduri tad-dħul li jistgħu jirrispondu mill-ewwel għat-talbiet li ta' spiss jinbidlu tas-suq tax-xogħol;***

Or. en

Emenda mressqa minn Johannes Blokland

Emenda 49
Paragrafu 1

1. ***Jinnota*** l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tippreżenta programm ta' azzjoni fir-rigward ta' l-immigrazzjoni legali u jaqbel magħha dwar l-idea li approċċ effikaċi tal-fenomenu migratorju ma jistax ikun limitat biss għat-twaqqif ta' mezzi u strumenti ta'

immigrazzjoni imma ***li l-pjan ta' politika irid ikun koerenti mal-politiki ta' l-Istati Membri u mal-miżuri konġunti biex jikkumbattu l-fenomenu ta' l-immigrazzjoni illegali u li jrid jieħu kont kemm*** ta' l-integrazzjoni ***kif ukoll tal-***koperazzjoni ma' *pajjiżi* terzi;

Or. nl

Emenda mressqa minn Marian-Jean Marinescu

Emenda 50
Paragrafu 1 a (ġdid)

***1a. Jilqa' l-inizjattiva dwar 'L-Applikazzjoni ta' Strateġija Globali Għall-Immigrazzjoni għar-Reġjuni tal-Lvant u x-Xlokk li huma Ġirien ta' l-Unjoni Ewropea' COM(2007)0247); jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jiżguraw li jkunu allokati riżorsi umani u finanzjarji suffiċjenti sabiex ikun hemm implimentazzjoni xierqa ta' l-istrateġija komprensiva dwar il-immigrazzjoni; jisħaq dwar il-ħtieġa ta' djalogu reġjonali msaħħaħ u koperazzjoni dwar l-immigrazzjoni legali u jilqa' l-idea li jitwaqqfu pjattaformi ta' koperazzjoni reġjonali għall-immigrazzjoni, li jġibu flimkien l-entitajiet politiċi relevanti min-naħa ta' l-UE u tar-reġjun konċernat;***

Or. en

Emenda mressqa minn Giusto Catania

Emenda 51
Paragrafu 1 a (ġdid)

***1a. Isostni li l-immigrazzjoni illegali ma' tistax tkun kontrollata jekk ma jitwaqqfux mezzi u modi ta' immigrazzjoni legali fl-istess ħin, għaliex iż-żewġ fenomeni huma marbuta flimkien;***

Or. it

Emenda mressqa minn Ona Juknevičienė

Emenda 52
Paragrafu 1 a (ġdid)

***1a. Iqis li t-tibdiliet demografiċi li għaddejjin u l-impatt tagħhom fuq is-soċjetà huma ta' importanza kruċjali għall-ġejjieni ekonomiku ta' l-Istati Membri u ta' l-UE kollha kemm hi; iqis li politika ekonomika ta' immigrazzjoni li tkun ċara u definita sew tista' tipprovdi soluzzjoni fuq terminu ta' żmien qasir għad-diffikultajiet tas-suq***

***tax-xogħol;***

Or. en

Emenda mressqa minn Ona Juknevičienė

Emenda 53
Paragrafu 1 b (ġdid)

***1b. Iqis, madankollu, li l-politika ta' immigrazzjoni għandha mhux biss tieħu kont tal-prinċipju ta' preferenza tal-Komunità imma wkoll tikkunsidra sew l-impatt ekonomiku tal-miżuri tranżizzjonali li attwalment qed jaffettwaw il-libertà tal-moviment taċ-ċittadini mill-Istati Membri l-ġodda;***

Or. en

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 54
Paragrafu 2

2. Jappoġġa l-approċċ ***(imħassar)*** fil-programm ta' azzjoni ***(imħassar)*** sabiex jingħelbu l-ostakli fi ħdan il-Kunsill dwar il-proposta ta' Direttiva tal-Kunsill ***2001*** dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u ta' residenza taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' impjieg b'paga jew ta' l-eżerċizzju ta' attività ekonomika indipendenti; ***(imħassar)***

Or. en

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 55
Paragrafu 3

3. Iqis li huwa fundamentali li tkun miġbura u armonizzata dejta statistika ***konsistenti u ta' min joqgħod fuqha*** relatata mal-fenonmeni tal-immigrazzjoni; ***jistenna li r-Regolamentazzjoni dwar statistika Komunitarja relatata mal-immigrazzjoni u l-ħarsien internazzjonali tkun implimentata malajr u b'mod effiċjenti mill-Istati Membri kollha;*** jistieden lill-Kummissjoni sabiex ***tissottometti - f'koperazzjoni ma' l-Istati Membri evalwazzjoni tan-numru ta' nies li jistgħu jkunu effettwati mill-erba' direttivi speċifiċi; jistenna li n-Netwerk Ewropew għall-Immigrazzjoni (EMN) jagħti kontribuzzjoni malajr u sostanzjali f'dan il-qasam (f'assoċjazzjoni ma' l-Eurostat);***

Or. en

Emenda mressqa minn Marian-Jean Marinescu

Emenda 56
Paragrafu 3

3. Iqis li huwa fundamentali li tkun miġbura u armonizzata dejta statistika relatata mal-fenomeni tal-immigrazzjoni, b'koperazzjoni ma' l-Istati Membri ***sabiex isir pjanar effettiv, adozzjoni, implimentazzjoni u evalwazzjoni tal-politika tal-immigrazzjoni;*** jippretendi li n-Netwerk Ewropew tal-Immigrazzjoni (EMN) jikkontribwixxi b'mod rapidu u sostanzjali f'dan il-għan, b'koordinazzjoni ma' l-Eurostat, sabiex tinstab soluzzjoni għal dan in-nuqqas ta' dejta koerenti u affidabbli; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tfittex forom ta' koperazzjoni iktar stretta u sistematika ma' l-OECD fil-qasam tal-immigrazzjoni internazzjonali, b'mod partikulari f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-istatistika; jixtieq li tingħata attenzjoni partikulari lill-post li jokkupaw in-nisa meta jitqies li jirrapreżentaw nofs il-migranti; ***jistieden lill-Istati Membri kollha biex jipproduċu statistika li tkun konsistenti mad-definizzjonijiet armonizzati u sabiex jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tiġi interpretata l-istatistika pprovduta;***

Or. en

Emenda mressqa minn Alfredo Antoniozzi

Emenda 57
Paragrafu 3

3. Iqis li huwa fundamentali li tkun miġbura u armonizzata dejta statistika relatata mal-fenomeni tal-immigrazzjoni, b'koperazzjoni ma' l-Istati Membri; jippretendi li n-Netwerk Ewropew tal-Immigrazzjoni (EMN) jikkontribwixxi b'mod rapidu u sostanzjali f'dan il-għan, b'koordinazzjoni ma' l-Eurostat, sabiex tinstab soluzzjoni għal dan in-nuqqas ta' dejta koerenti u affidabbli; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tfittex forom ta' koperazzjoni iktar stretta u sistematika ma' l-OECD fil-qasam tal-immigrazzjoni internazzjonali, b'mod partikulari f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-istatistika; ***(tħassir)***

Or. it

Emenda mressqa minn Jean Lambert

Emenda 58
Paragrafu 3

3. Iqis li huwa fundamentali li tkun miġbura u armonizzata dejta statistika relatata mal-fenomeni tal-immigrazzjoni, b'koperazzjoni ma' l-Istati Membri; ***iqis li hu importanti***

***li jiġu żviluppati għanijiet ċari għal statistika bħal din u*** jippretendi li n-Netwerk Ewropew tal-Immigrazzjoni (EMN) jikkontribwixxi b'mod rapidu u sostanzjali f'dan il-għan, b'koordinazzjoni ma' l-Eurostat, sabiex tinstab soluzzjoni għal dan in-nuqqas ta' dejta koerenti u affidabbli; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tfittex forom ta' koperazzjoni iktar stretta u sistematika ma' l-OECD fil-qasam tal-immigrazzjoni internazzjonali, b'mod partikulari f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-istatistika; jixtieq li tingħata attenzjoni partikulari lill-post li jokkupaw in-nisa meta jitqies li jirrapreżentaw nofs il-migranti;

Or. en

Emenda mressqa minn Alfredo Antoniozzi

Emenda 59
Paragrafu 4

***Imħassar***

Or. it

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 60
Paragrafu 4

***imħassar***

Or. en

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 61
Paragrafu 5

5.
***Jisħaq*** dwar il-fatt ***li l-pakkett kif preżentat fil-pjan ta' politika m'għandux jippreġudika proposti addizzjonali f'oqsma oħra u/jew għal kategoriji magħżula ta' immigrazzjoni*** ekonomika ***(imħassar);***

Or. en

Emenda mressqa minn Alfredo Antoniozzi

Emenda 62
Paragrafu 5

5. ***Jisħaq*** dwar il-fatt li ***l-pakkett kif preżentat fuq livell politiku m'għandux jipperikola aktar proposti f'setturi oħra u/jew proposti għal kategoriji magħżula ta' migrant ekonomiku;***

Or. it

Emenda mressqa minn Johannes Blokland

Emenda 63
Paragrafu 5

5. ***Jinnota*** li fost is-setturi kkonċernati mhijiex prevista proposta għal Direttiva relatata mal-kundizzjonijiet ta' dħul u ta' residenza tal-ħaddiema mhux kwalifikati jew bi ftit kwalifiki, li jirrappreżentaw madankollu parti importanti mill-immigrazzjoni ekonomika fl-Ewropa;

Or. nl

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 64
Paragrafu 5 a (ġdid)

***5a. Jilqa' l-implikazzjonijiet istituzzjonali tal-qafas tat-Trattat ta' Riforma, kif stabilit mill-mandat ta' l-IGC, li jestendi l-vot b'maġġoranza kwalifikata u poteri ta' kodeċiżjoni għall-koperazzjoni dwar il-pulizija u l-ġudikatura fuq kwistjonijiet kriminali kif ukoll dwar kompetenzi rigward politiki ta' l-ażil u ta' l-immigrazzjoni ta' l-Unjoni; jilqa' partikolarment l-estensjoni tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja biex tkopri il-immigrazzjoni legali u jqis bħala raġjonevoli li l-Istati Membri jkomplu jżommu d-dritt sovran biex jiddeterminaw l-ammont ta' migranti bi skop ta' xogħol li jistgħu jaċċettaw fit-territorji tagħhom;***

Or. en

Emenda mressqa minn Marian-Jean Marinescu

Emenda 65
Paragrafu 5 a (ġdid)

***5a. Ifakkar li l-immigrazzjoni legali mill-pajjiżi ta' l-ENP għandha tkun ippreferuta minn dik ġejja minn pajjiżi terzi oħra sabiex jissaħħu r-relazzjonijiet bejn l-UE u l-pajjiżi ta' l-ENP, titjib id-dehra ta' l-UE fil-pajjiżi msieħba u jingħata kontribut għall-ħolqien ta' ċirku ta' prosperità, stabilità u sigurtà madwar l-UE; iqis li l-UE għandha tiffavorixxi l-immigrazzjoni legali minn pajjiżi terzi li juru rieda u kapaċità li jikkoperaw dwar kwistjonijiet bħal ma huma t-tmexxija tal-kontroll tal-fruntieri, il-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-persuni u l-konklużjoni tal-ftehimiet ta' ammissjoni mill-ġdid;***

Or. en

Emenda mressqa minn Alfredo Antoniozzi

Emenda 66
Paragrafu 6

***Imħassar***

Or. it

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 67
Paragrafu 6

6. ***(imħassar)*** jitlob lill-Kummissjoni biex tipprevedi l-bżonnijiet ta' forza tax-xogħol addizjonali fid-diversi Stati Membri, fuq medda qasira u medja ta' żmien; jistieden lill-Istati Membri biex jagħtu stima statistika lill-Kummissjoni sabiex din tkun tista' tipprepara previżjonijiet adegwati rigward il-bżonnijiet ta' forza tax-xogħol fl-Unjoni;

Or. en

Emenda mressqa minn Jean Lambert

Emenda 68
Paragrafu 6 a (ġdid)

***6a. Iqis li għandha tingħata attenzjoni partikolari għas-sitwazzjoni tal-minuri li jistgħu jsibu rwieħhom żvantaġġjati minħabba ċ-ċaqliq tal-ġenituri tagħhom u għandhom***

***jitressqu proposti biex itaffu dawn l-effetti negattivi;***

Or. en

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 69
Paragrafu 7

***imħassar***

Or. en

Emenda mressqa minn Alfredo Antoniozzi

Emenda 70
Paragrafu 7

7. Iqis li, sabiex l-Unjoni jkollha fl-aħħar politika għall-immigrazzjoni effikaċi u koerenti, huwa neċessarju li, fil-qafas tar-riforma tat-trattati li qed issir bħalissa u tad-diskussjonijiet dwar trattat simplifikat, jiġu adottati mekkaniżmi ta' deċiżjoni iktar effikaċi li jippermettu li tiġi estiża l-kodeċiżjoni bejn il-Parlament u l-Kunsill u tal-maġġoranza kwalifikata għal kull politika għall-immigrazzjoni ***(tħassir);***

Or. it

Emenda mressqa minn Johannes Blokland

Emenda 71
Paragrafu 7

7. Iqis ***(tħassir)*** li, fil-qafas tar-riforma tat-trattati li qed issir bħalissa u tad-diskussjonijiet dwar trattat simplifikat, jiġu adottati mekkaniżmi ta' deċiżjoni iktar effikaċi ***li f'dan ir-rigward deċiżjonijiet dwar*** politika għall-immigrazzjoni ***huma primarjament materja ta' l-Istati Membri;***

Or. nl

Emenda mressqa minn Giusto Catania

Emenda 72
Paragrafu 7

7. Iqis li, sabiex l-Unjoni jkollha fl-aħħar politika għall-immigrazzjoni effikaċi u koerenti, huwa neċessarju li, fil-qafas tar-riforma tat-trattati li qed issir bħalissa u tad-diskussjonijiet dwar trattat simplifikat, jiġu adottati mekkaniżmi ta' deċiżjoni iktar effikaċi li jippermettu li tiġi estiża l-kodeċiżjoni bejn il-Parlament u l-Kunsill u tal-maġġoranza kwalifikata għal kull politika għall-immigrazzjoni (u għalhekk għall-immigrazzjoni legali minbarra l-kwoti nazzjonali tal-migranti ekonomiċi)***, bħalma għandhom ikunu adottati b'mod simili pjanijiet plurijennali ta' dħul fuq livell ta' l-UE;***

Or. it

Emenda mressqa minn Marian-Jean Marinescu

Emenda 73
Paragrafu 7 a (ġdid)

***7a. Iqis, fir-rigward tar-riformi tat-Trattati li qed isir bħalissa u meta tieħu kont li l-Kummissjoni tibda f'Settembru 2007 biex tressaq proposti konkreti għall-implimentazzjoni tal-'pjan ta' Politika dwar il-immigrazzjoni legali' li jikkonċernaw il-ħaddiema minn pajjiżi terzi, il-bżonn li jitneħħew ir-restrizzjonijiet attwali għall-moviment ħieles tal-ħaddiema mill-Istati Membri l-ġodda kollha;***

Or. en

Emenda mressqa minn Alfredo Antoniozzi

Emenda 74
Paragrafu 8

8. Iqis li huwa indispensabbli li tiġi adottata definizzjoni ċara għal kull kategorija ta' ***migrant ekonomiku*** kkonċernata mid-direttivi li qed jitħejjew; jistieden lill-Istati Membri biex jikkoordinaw ma' xulxin u jiskambjaw l-aħjar prattika permezz tal-mekkaniżmu ta' informazzjoni reċiproka fil-qasam ta' l-ażil u ta' l-immigrazzjoni prevista mid-Deċiżjoni 2006/688/KE;

Or. it

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 75
Paragrafu 8

8. Iqis li huwa indispensabbli li tiġi adottata definizzjoni ċara għal kull kategorija ta' ***migrant ekonomiku*** kkonċernata mid-direttivi li qed jitħejjew; jistieden lill-Istati Membri biex jikkoordinaw ma' xulxin u jiskambjaw l-aħjar prattika permezz tal-mekkaniżmu ta' informazzjoni reċiproka fil-qasam ta' l-ażil u ta' l-immigrazzjoni prevista mid-Deċiżjoni 2006/688/KE;

Or. en

Emenda mressqa minn Lilli Gruber

Emenda 76
Paragrafu 8 a (ġdid)

***8a. Jistieden lill-formazzjonijiet varji tal-Kunsill b'responsabilità f'dan il-qasam (il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, l-Impjiegi, il-Politika Soċjali, il-Ħarsien tas-Saħħa u tal-Konsumatur) sabiex iżidu l-isforzi tagħhom ħalli jikkoordinaw id-diskussjonijiet dwar il-Pjan ta' Politika dwar il-Immigrazzjoni Legali;***

Or. es

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert u Adina-Ioana Vălean

Emenda 77
Paragrafu 8 a (ġdid)

***8a. Jemmen li għandhom jitneħħew immedjatament l-ostakoli interni temporanji għall-moviment ħieles tal-ħaddiema mill-Istati Membri l-ġodda;***

Or. en

Emenda mressqa minn Ona Juknevičienė

Emenda 78
Paragrafu 8 a (ġdid)

***8a. Jappoġġja t-twaqqif ta' Portal ta' l-UE għall-Immigrazzjoni; f'dan il-kuntest, jilqa' t-tkabbir tas-servizzi tal-EURES biex jappoġġjaw it-tmexxija tal-immigrazzjoni ekonomika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi;***

Or. en

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 79
Paragrafu 9

9. Iqis li huwa indispensabbli li jkun hemm Direttiva li tiggarantixxi qafas komuni ta' drittijiet liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi impjegati legalment fi Stat Membru, flimkien mar-rispett ta' ċertu numru ta' obbligi ***u jinsisti li direttiva bħal din tkun imressqa qabel l-erba' direttivi speċifiċi;***

Or. en

Emenda mressqa minn Alfredo Antoniozzi

Emenda 80
Paragrafu 9 a (ġdid)

***9as. Jirrimarka li fi kwalunkwe evalwazzjoni tat-termini u l-kundizzjonijiet li jmexxu d-dħul ta' immigranti legali, għandu jitqies li ċ-ċittadini ta' l-UE infushom (u l-membri tal-familja tagħhom) huma mitluba jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet relatati mad-dħul, residenza u moviment ħieles fl-Unjoni Ewropea kif stipulati fid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill nru 2004/38/KE tad-29 ta' April 2004 rigward id-dritt tal-moviment ħieles u tar-residenza fit-territorju ta' l-Istat Membru għaċ-ċittadini ta' l-UE u l-membri tal-familja tagħhom [1], skond liema direttiva dawk iċ-ċittadini ta' l-UE li jixtiequ jgħixu fi Stat Membru ieħor għal perjodu li jkun itwal minn tliet xhur għandu jkollhom mezzi biex jgħixu huma u l-familji tagħhom, fin-nuqqas ta' dan jitkeċċew mill-Istat Membru li fih qed jgħixu; jistgħu jitkeċċew ukoll għal raġunijiet relatati mas-saħħa u s-sikurezza pubblika jew minħabba kondotta kriminali;***

Or. it

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 81
Paragrafu 10

10. ***Ifakkar dwar il-ħtieġa li jkunu evitati standards doppji*** tad-drittijiet bejn il-kategoriji ***differenti*** ta' ħaddiema ***u li jitħarsu partikolarment id-drittijiet*** ta' ħaddiema staġjonali u ta' 'trainees' li jiġu mħallsa, li huma iktar soġġetti għal riskji ta' ***abbużi;***

[1] ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77.

Or. en

Emenda mressqa minn Alfredo Antoniozzi

Emenda 82
Paragrafu 10

10. Jinsisti li ***(tħassir)*** għandha tingħata attenzjoni partikulari lill-kategoriji ta' ħaddiema staġjonali u ta' 'trainees' li jiġu mħallsa, li huma iktar soġġetti għal riskji ta' frodi;

Or. it

Emenda mressqa minn Jean Lambert

Emenda 83
Paragrafu 10 a (ġdid)

***10a. Iqis ukoll li Direttiva għandu jkollha proposti li jippermettu l-migranti li jbiddlu l-istejtus tagħhom jew l-impjieg waqt li jibqgħu fl-UE;***

Or. en

Emenda mressqa minn Giusto Catania

Emenda 84
Paragrafu 11

***Imħassar***

Or. it

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 85
Paragrafu 11

11. Japprova l-idea ta' ***applikazzjoni waħda għal permess konġunt ta' residenza u xogħol;***

Or. en

Emenda mressqa minn Alfredo Antoniozzi

Emenda 86
Paragrafu 11 a (ġdid)

***11a. Jesprimi dubbji dwar il-proposti li qed jiġu diskussi f'ċerti Stati Membri rigward it-twaqqif ta' forom ta' 'self-sponsorship' għall-immigranti, li jridu jġibu prova li għandhom biex jgħixu billi jissottomettu dikjarazzjoni rigward proprjetà li se joffru bħala garanzija meta jidħlu fi Stat Membru; iqis li forom ta' sponsorship bħal dan ma jipprovdux garanziji xierqa fir-rigward ta' immigrant li għad ma għandux impjieg sigur u li jekk ma jkunux monitorjati sew jistgħu jagħtu lok għal inċertezza legali u jkunu vulnerabbli għall-frodi u korruzzjoni; iqis li biss dikjarazzjoni ta' proprjetà min-naħa ta' immigrant bla impjieg mhix prova biżżejjed tal-lealtà tiegħu meta jiġi biex jidħol f'pajjiż ieħor;***

Or. it

Emenda mressqa minn Giusto Catania

Emenda 87
Paragrafu 11 a (ġdid)

***11a. Iqis bħala essenzjali li permessi ta' residenza għandhom isiru għal dawk li qed ifittxu x-xogħol;***

Or. it

Emenda mressqa minn Alfredo Antoniozzi

Emenda 88
Paragrafu 12

***Imħassar***

Or. it

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 89
Paragrafu 12

***imħassar***

Or. en

Emenda mressqa minn Johannes Blokland

Emenda 90
Paragrafu 12

12. Iqis li l-miżuri favur l-immigrazzjoni legali ***fuq terminu ta' żmien qasir*** għandhom jippermettu trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni u tad-drittijiet soċjali ***akkumulati*** marbuta max-xogħol magħmul, ***li għalihom huma kellhom iħallsu l-kontribuzzjonijiet,*** f'każ li wieħed imur ***definittivament*** lura f'pajjiżu;

Or. nl

Emenda mressqa minn Jean Lambert

Emenda 91
Paragrafu 12

12. Iqis li l-miżuri favur l-immigrazzjoni legali għandhom jippermettu trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni ***(imħassar)*** max-xogħol magħmul, f'każ li wieħed imur lura f'pajjiżu;

Or. en

Emenda mressqa minn Inger Segelström

Emenda 92
Paragrafu 12

12. Iqis li l-miżuri favur l-immigrazzjoni legali għandhom ***jiggarantixxu li*** d-drittijiet għall-pensjoni ***(tħassir)*** marbuta max-xogħol ***(tħassir) ikunu ppreservati*** f'każ li ***persuna*** *tmur* lura *f'pajjiżha*;

Or. sv

Emenda mressqa minn Alfredo Antoniozzi

Emenda 93
Paragrafu 13

***Imħassar***

Or. it

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 94
Paragrafu 13

13. Jistaqsi dwar il-fatt li jiġi msemmi fil-programm ta' azzjoni t-teħid ta' dejta bijometrika ***l-'aktar avvanzata';*** iqis li ***l-ħarsien*** tad-dejta personali ***għandha tkun rispettata f'kull każ, partikolarment il-prinċipju tal-proporzjonalità u l-iskop ta' limitazzjoni;***

Or. en

Emenda mressqa minn Giusto Catania

Emenda 95
Paragrafu 13

13. ***Iqis bħala mhux xieraq*** li jiġi msemmi fil-programm ta' azzjoni t-teħid ta' dejta bijometrika; iqis li huwa indispensabbli li b'mod partikulari jiġu verifikati l-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' finalità, b'konformità mar-regoli fis-seħħ fil-qasam tal-protezzjoni tad-dejta personali;

Or. it

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 96
Paragrafu 14

14. ***Jaqbel li*** rikonoxximent reċiproku ta' ***diplomas u*** kwalifiki ***oħra hu neċessarju biex jiġi evitat telf f'termini ta' valorizzazzjoni ta' dħul u ta' kompetenzi għall-immigrant kif ukoll għall-pajjiżi ta' residenza u ta' l-oriġini ;***

Or. en

Emenda mressqa minn Giusto Catania

Emenda 97
Paragrafu 14

14. Iqis li huwa neċessarju li tiġi elaborata sistema ta' rikonoxximent reċiproku tad-

diplomi ***(kemm dawk akkademiċi kif ukoll vokazzjonali),*** li tippermetti b'hekk li jiġu aċċellerati l-proċeduri konsulari ***u l-profili ta' l-impjiegi tal-ħaddiema migranti biex jinżammu aħjar u biex isir użu aktar effettiv tagħhom;***

Or. it

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 98
Paragrafu 16

16. Jilqa' l-komunikazzjonii tal-Kummissjoni relatata mal-immigrazzjoni ċirkolari u ma' sħubijiet għall-mobilità bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi terzi, imsemmija hawn fuq; ***jaqbel li għandhom jiġu evitati l-effetti ħżiena tal-'telf ta' l-imħuħ' (brain drain), billi nrawmu l-idea ta' 'ċirkulazzjoni ta' l-imħuħ' (brain circulation);***

Or. en

Emenda mressqa minn Giusto Catania

Emenda 99
Paragrafu 17

***Imħassar***

Or. it

Emenda mressqa minn Jean Lambert

Emenda 100
Paragrafu 17

***imħassar***

Or. en

Emenda mressqa minn Alfredo Antoniozzi

Emenda 101
Paragrafu 17

17. ***(tħassir)*** Jitlob lill-Kummissjoni biex tippreċiża l-kundizzjonijiet ta' organizzazzjoni u

ta' ġestjoni li mingħajrhom "l-immigrazzjoni li suppost hija ċirkolari malajr tista' ssir permanenti u b'hekk, ma tilħaqx l-għan previst"; ***barra minn hekk jistieden lill-Kummissjoni biex tispjega r-rabta bejn ċirkularità u integrazzjoni;***

Or. it

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 102
Paragrafu 17

17. ***Jirrimarka, madankollu, li*** "l-immigrazzjoni li suppost hija ċirkolari malajr tista' ssir permanenti u b'hekk, ma tilħaqx l-għan previst";

Or. en

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 103
Paragrafu 18

18. ***Barra minn hekk***, jenfasizza l-importanza tal-kostruzzjoni ta' relazzjonijiet stabbli u ***ta' impjieg leġittimu*** bejn l-intrapriżi u l-ħaddiema ***(imħassar)*** biex tittejjeb il-produttività u, b'mod ġenerali, għall-kompetittività ekonomika Ewropea; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni biex tqis ***(imħassar)*** l-effetti li jista' jkollu ***(imħassar)*** għal forom ta' immigrazzjoni ċirkolari ***f'dan ir-rigward***;

Or. en

Emenda mressqa minn Alfredo Antoniozzi

Emenda 104
Paragrafu 19

***Imħassar***

Or. it

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 105
Paragrafu 19

***imħassar***

Or. en

Emenda mressqa minn Inger Segelström

Emenda 106
Paragrafu 19

19. Jenfasizza li rikors wisq vast għal skemi ta' immigrazzjoni ċirkolari jista' jirrappreżenta ostaklu strutturali għall-integrazzjoni li teħtieġ stabilità u kontinwità ***għall-individwu u l-familja tiegħu; iqis li l-opportunità għall-individui li jgħixu mas-sieħeb/sieħba u mat-tfal għandha tkun inkoraġġita u ffaċilitata;*** jistieden għalhekk lill-Kummissjoni sabiex tippreċiża l-konnessjoni bejn ċirkolarità u *immigrazzjoni* ***u sabiex tanalizza d-diffikultajiet li jagħmluha aktar diffiċli għall-migranti individwali u l-familji tagħhom li jibqgħu flimkien;***

Or. sv

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 107
Paragrafu 20

20. Jappoġġa l-idea ta' visas għal żmien twil ***(imħassar)*** u ta' dħul multiplu ***kif ukoll*** il-possibiltà għall-immigranti qodma li jkollhom il-prijorità għal permess ġdid ta' residenza bil-għan ta' impjieg temporanju ***ieħor***;

Or. en

Emenda mressqa minn Jean Lambert

Emenda 108
Paragrafu 20 a (ġdid)

***20a. Jistieden lill-Kummissjoni biex tqis il-possibilitajiet kollha mressqa kemm mill-Parlament Ewropew kif ukoll mill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Soċjali u sabiex tagħmel studju komprensiv dwar il-possibilità ta' implimentazzjoni ta' sistema ta' green-card u ta' viża għal dawk li qed ifittxu x-xogħol;***

Or. en

Emenda mressqa minn Giusto Catania

Emenda 109
Paragrafu 21

21. ***Juri dubju kemm dwar*** il-proġett taċ-Ċentru ta' Informazzjoni u ta' Ġestjoni tal-Immigrazzjoni previst f'Mali ***u tal***-kompetenzi eżatti u ***il-***baġit ***tiegħu***; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tivverifika li jkun hemm kundizzjonijiet ugwali ta' aċċess għall-informazzjoni għaċ-ċittadini ta' dan il-pajjiż, u biex tinforma b'mod regolari lill-kumitati kompetenti dwar *rapporti* ***preliminari*** ta' dan il-proġett u dwar kull azzjoni ta' l-istess tip maħsuba minn pajjiż terz ieħor;

Or. it

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 110
Paragrafu 21

21. Juri l-interess tiegħu għall-proġett taċ-Ċentru ta' Informazzjoni u ta' Ġestjoni tal-Immigrazzjoni previst f'Mali; ***(imħassar)*** jitlob lill-Kummissjoni ***(imħassar)*** biex tinforma lill-kumitati kompetenti ***b'informazzjoni dettaljata minn qabel dwar il-bażi legali u d-dispożizzjonijiet baġitarji għall-proġett u aġġornamenti*** regolari dwar ***dan*** u ***(imħassar)*** dwar kull azzjoni ta' l-istess tip maħsuba minn pajjiż terz ieħor;

Or. en

Emenda mressqa minn Marian-Jean Marinescu

Emenda 111
Paragrafu 21

21. Juri l-interess tiegħu għall-proġett taċ-Ċentru ta' Informazzjoni u ta' Ġestjoni tal-Imigrazzjoni previst f'Mali; jiddubita madankollu dwar il-kompetenzi eżatti u l-baġit ta' dan il-proġett; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tivverifika li jkun hemm kundizzjonijiet ugwali ta' aċċess għall-informazzjoni għaċ-ċittadini ta' dan il-pajjiż, u biex tinforma b'mod regolari lill-kumitat kompetenti dwar *rapporti* ***preliminari*** ta' dan il-proġett u dwar kull azzjoni ta' l-istess tip maħsuba minn pajjiż terz ieħor; ***jappoġġja l-idea li jkun applikat l-istess approċċ fir-reġjun tal-ġirien tal-Lvant;***

Or. en

Emenda mressqa minn Alfredo Antoniozzi

Emenda 112
Paragrafu 21 a (ġdid)

***21a. Jesprimi dubju dwar il-proposti li qed jiġu diskussi f'ċerti Stati Membri rigward it-twaqqif ta' proċeduri amministrattivi għall-ħruġ ta' viżi li jinvolvu li jsiru listi ta' immigranti li jixtiequ jidħlu fl-UE sabiex isibu impjieg u li dawn isiru direttament mill-pajjiżi tagħhom u lilhom tingħata d-delega li jżommu listi u bażijiet tad-dejta li jridu jgħaddu liċ-ċentri ta' immigrazzjoni ta' l-Istati Membri; iqis li t-trasferiment dirett u sħiħ taż-żamma ta' listi ta' immigranti fil-pajjiż ta' l-oriġini bil-għan li jinħarġu viżas (li twassal għat-twaqqif ta' aġenziji proprji ta' l-impjiegi fil-pajjiż ta' l-oriġini) jista' jwassal biex jinħolqu inċertezzi legali u inevitabilment każi ta' korruzzjoni, speċjalment fil-pajjiżi li fihom jiġru ta' spiss każi bħal dawn;***

Or. it

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 113
Paragrafu 22

***imħassar***

Or. en

Emenda mressqa minn Luis Herrero-Tejedor

Emenda 114
Paragrafu 23

***imħassar***

Or. es

Emenda mressqa minn Inger Segelström

Emenda 115
Paragrafu 23

23. Jappoġġa l-miżuri kollha bil-għan li l-Unjoni issir iktar attraenti għall-iktar ħaddiema kwalifikati b'mod koerenti permezz ta' l-illanċjar mill-ġdid ta' l-Istrateġija ta' Liżbona;

b'dan l-iskop jissuġġerixxi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex:

– jagħtu lil dawn il-ħaddiema ***u lis-sieħeb/sieħba tagħhom u lit-tfal*** b'mod immedjat id-dritt għall-moviment liberu fl-Unjoni;

– jippermettulhom li jkunu jistgħu jibqgħu fl-Unjoni sena wara tmiem-il kuntratt tagħhom jew wara li huma jiġu mkeċċija mix-xogħol, sabiex ikunu jistgħu jfittxu l-impjieg, ***jagħmlu arranġamenti għall-familji tagħhom u għall-iskola tat-tfal eċċ.;***

– jiffaċilitawlhom l-aċċess għaċ-ċittadinanza wara ħames snin;

Or. sv

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 116
Paragrafu 23

23. Jappoġġa l-miżuri kollha bil-għan li l-Unjoni issir iktar attraenti għall-iktar ħaddiema kwalifikati, ***sabiex jintlaħqu l-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol ta' l-UE ħalli jiżguraw il-prosperità ta' l-Ewropa kif ukoll biex jimxu mal-miri ta' Liżbona;***

Or. en

Emenda mressqa minn Alfredo Antoniozzi

Emenda 117
Paragrafu 23

23. Jappoġġa l-miżuri kollha bil-għan li l-Unjoni issir iktar attraenti għall-iktar ħaddiema kwalifikati b'mod koerenti permezz ta' l-illanċjar mill-ġdid ta' l-Istrateġija ta' Liżbona ***(tħassir);***

Or. it

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 118
Paragrafu 24

24. Jappoġġja, ***għalhekk,*** kull miżura ta' simplifikazzjoni li tiffaċilita d-dħul għal dawn il-ħaddiema, filwaqt li titħalla ***d-definizzjoni ta' bżonnijiet speċifiċi għal emigranti ekonomiċi bħala kompetenza ta' l-Istat Membru;***

Or. en

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 119
Paragrafu 25

***imħassar***

Or. en

Emenda mressqa minn Jean-Marie Cavada

Emenda 120
Paragrafu 25

25. Iqis li huwa importanti li jitqiesu r-riskji ta' "it-telf ta' l-imħuħ" meta jkunu qed jiġu definiti l-miżuri Ewropej għall-immigrazzjoni legali; jibgħat mill-ġdid ir-rapport imsemmi hawn fuq ta' l-Assemblea Parlamentari Konġunta ACP-UE dwar il-immigrazzjoni ta' ħaddiema kwalifikati u l-effett ta' din fuq l-iżvilupp nazzjonali; ***jistieden lill-Kummissjoni - flimkien mal-pajjiżi ta' l-oriġini - biex iwettqu studji statistiċi bil-għan li jidentifikaw l-oqsma ta' kompetenzi li fihom hemm riskju ta' telf ta' l-imħuħ;***

Or. fr

Emenda mressqa minn Alfredo Antoniozzi

Emenda 121
Paragrafu 26

***Imħassar***

Or. it

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 122
Paragrafu 26

***imħassar***

Or. en

Emenda mressqa minn Johannes Blokland

Emenda 123
Paragrafu 27

***imħassar***

Or. nl

Emenda mressqa minn Giusto Catania

Emenda 124
Paragrafu 27

***Imħassar***

Or. it

Emenda mressqa minn Inger Segelström

Emenda 125
Paragrafu 27

27. Jappoġġa l-proposta tal-Viċi-President Frattini li tinħoloq "Karta Blu" li tiffaċilita l-moviment liberu ta' l-"imħuħ" fl-Ewropa u t-trasferiment ta' l-istaff fi ħdan il-kumpaniji multinazzjonali; ***jenfasizza li l-possibilità li s-sieħeb/sieħba u t-tfal jakkumpanjaw lill-migranti għandha tkun faċilitata;***

Or. sv

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 126
Paragrafu 27

27. Jappoġġa l- ***(imħassar) ħolqien ta' permess tax-xogħol maħruġ mill-UE (dik li tissejjaħ karta blu)*** li tiffaċilita l-moviment liberu ta' l-"imħuħ" fl-Ewropa u t-trasferiment ta' l-istaff fi ħdan il-kumpaniji multinazzjonali;

Or. en

Emenda mressqa minn Marian-Jean Marinescu

Emenda 127
Paragrafu 28

28. Jenfasizza li l-ħaddiema staġjonali ta' pajjiżi terzi jikkontribwixxu b'mod essenzjali f'setturi bħall-agrikultura, il-kostruzzjoni u t-turiżmu; iqis għalhekk li huwa indispensabbli li jingħatalhom statut legali u sigur; f'dan ir-rigward, jenfasizza l-importanza dejjem tikber ta' l-impjieg irregolari f'dawn is-setturi f'bosta Stati Membri u jistieden lill-Kummissjoni sabiex issaħħaħ u taċċellera l-azzjoni f'dan il-qasam; ***f'dan is-sens, jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprovdi sanzjonijiet kontra dawk li jħaddmu ċittadini ta' pajjiżi terzi li qed jgħixu fil-pajjiż illegalment (COM(2007)0249);***

Or. en

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 128
Paragrafu 28

28. Jenfasizza li l-ħaddiema staġjonali ta' pajjiżi terzi jikkontribwixxu b'mod essenzjali f'setturi bħall-agrikultura, il-kostruzzjoni u t-turiżmu; ***(imħassar)*** jenfasizza l-importanza dejjem tikber ta' l-impjieg irregolari f'dawn is-setturi f'bosta Stati Membri u ***għalhekk iqis l-iskema proposta bħala essenzjali***;

Or. en

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 129
Paragrafu 29

29. Jenfasizza fl-istess ħin l-importanza fundamentali li għandhom il-flessibilità u r-rapidità tal-proċeduri ta' reklutaġġ fil-qasam tax-xogħol staġjonali; ***jenfasizza l-importanza ta' esperjenzi lokali, b'attenzjoni partikolari għas-***settur agrikolu; jenfasizza għalhekk il-ħtieġa ***li dan jiġi kkunsidrat;***

Or. en

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 130
Paragrafu 30

***imħassar***

Or. en

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 131
Paragrafu 31

***imħassar***

Or. en

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 132
Paragrafu 34

34. ***(imħassar)*** jappoġġja l-iżvilupp ta' programmi ta' sħubija ma' l-universitajiet ta' pajjiżi terzi;

Or. en

Emenda mressqa minn Johannes Blokland

Emenda 133
Paragrafu 34

34. Jipproponi li jingħata permess lil trainees bi ħlas, b'viżi ta' 6 sa 12-il xahar, biex ifittxu x-xogħol fl-Unjoni ***(tħassir)***; jappoġġja l-iżvilupp ta' programmi ta' sħubija ma' l-universitajiet ta' pajjiżi terzi;

Or. nl

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 134
Paragrafu 35

***imħassar***

Or. en

Emenda mressqa minn Alfredo Antoniozzi

Emenda 135
Paragrafu 35

35. Jieħu gost jara li saret laqgħa informali f'Potsdam fil-10 u l-11 ta' Mejju 2007 mill-Ministri responsabbli għall-integrazzjoni; ifakkar li l-politika għall-immigrazzjoni ta' l-Unjoni għandha tkun ibbażata fuq strateġija globali li tikkonċilja l-eżiġenzi tas-suq tax-xogħol fl-Istati Membri ***u*** l-politiki biex jiġu ospitati u integrati ***(tħassir);*** jara li l-iskola huwa forum essenzjali għad-djaloġu interkulturali;

Or. it

Emenda mressqa minn Inger Segelström

Emenda 136
Paragrafu 35

35. Jieħu gost jara li saret laqgħa informali f'Potsdam fil-10 u l-11 ta' Mejju 2007 mill-Ministri responsabbli għall-integrazzjoni; ifakkar li l-politika għall-immigrazzjoni ta' l-Unjoni għandha tkun ibbażata fuq strateġija globali li tikkonċilja l-eżiġenzi tas-suq tax-xogħol fl-Istati Membri, il-politiki biex jiġu ospitati u integrati, u d-definizzjoni ta' stejtus preċiż u tad-drittijiet għal ċittadinanza, id-drittijiet soċjali u politiċi, u l-politiki għall-immigrazzjoni fl-Unjoni kollha; jara li l-iskola ***u s-soċjetà lokali bħala forums*** essenzjali għad-djaloġu interkulturali; ***jistieden lill-Istati Membri biex jinkoraġġixxu migranti u dawk li jakkumpanjawhom li jinvolvu rwieħhom fis-soċjetà lokali u biex jagħmluha faċli għalihom li dan jsir;***

Or. sv

Emenda mressqa minn
Jean-Marie Cavada
Emenda 137
Paragrafu 35

35. Jieħu gost jara li saret laqgħa informali f'Potsdam fil-10 u l-11 ta' Mejju 2007 mill-

Ministri responsabbli għall-integrazzjoni; ifakkar li l-politika għall-immigrazzjoni ta' l-Unjoni għandha tkun ibbażata fuq strateġija globali li tikkonċilja l-eżiġenzi tas-suq tax-xogħol fl-Istati Membri, il-politiki biex jiġu ospitati u integrati, u d-definizzjoni ta' l-istejtus preċiż u tad-drittijiet għal ċittadinanza, id-drittijiet soċjali ***u*** politiċi, ***(tħassir)*** għall-immigranti fl-Unjoni kollha;***iqis f'dan ir-rigward li l-Istati Membri għandhom jikkompilaw gwida prattika li tiġbor id-drittijiet u d-dmirijiet tal-ħaddiema migranti sabiex tagħmilha aktar faċli għalihom li jintegraw irwieħhom;*** jara li l-iskola huwa forum essenzjali għad-djaloġu interkulturali;

Or. fr

Emenda mressqa minn Giusto Catania

Emenda 138
Paragrafu 35 a (ġdid)

***35a. Jinkoraġġixxi, għalhekk, lill-Istati Membri sabiex jippromwovu l-integrazzjoni soċjali tal-migranti billi jwettqu passi prattiċi ħalli jiffaċilataw il-parteċipazzjoni tagħhom fis-soċjetà ċivili, fil-partiti politiċi u fit-trejd unjins u b'mod ġenerali l-aċċess tagħhom f'postijiet pubbliċi ta' assoċjazzjoni;***

Or. it

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 139
Titolu ġdid qabel il-paragrafu 36

***Koperazzjoni mal-pajjiżi ta' l-oriġini***

Or. en

Emenda mressqa minn Alfredo Antoniozzi

Emenda 140
Paragrafu 36

36. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2005 dwar ir-rabtiet bejn l-immigrazzjoni legali u illegali u l-integrazzjonital-migranti, u b'mod partikulari:

– jenfasizza li l-integrazzjoni ta' l-immigranti titlob miżuri integrali biex jiggarantixxu d-dħul fis-suq tax-xogħol kif ukoll id-drittijiet soċjali, ekonomiċi u politiċi li huma ta' l-istess importanza sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' Liżbona għat-tkabbir u l-kompetittività;

– ˜Ifakkar li l-integrazzjoni timplika drittijiet u dmirijiet kemm għas-soċjetà ospitanti kif ukoll għall-immigrant; jistieden lill-Istati Membri biex jikkoordinaw il-politiki nazzjonali tagħhom permezz tal-metodu miftuħ tal-koordinazzjoni fuq il-bażi tal-prinċipji komuni adottati f'Diċembru 2005 mill-Kunsill;

***(tħassir)***

– ˜Jenfasizza li huwa fundamentali li jiġi mħeġġeġ it-tagħlim tal-lingwa tas-soċjetà ospitanti u l-organizzazzjoni ta' korsijiet ta' edukazzjoni ċivika u programmi ta' tagħlim dwar, fost suġġetti oħrajn, l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, u li jsaħħu l-integrazzjoni permezz tax-xogħol ***u*** l-ġlieda kontra l-ghettos ***(tħassir);*** jaqbel mal-programmi ta' introduzzjoni prattika minn ċerti Stati Membri li jimplikaw impenn reċiproku tal-pajjiżi ospitanti u ta' dawk li jkun għadhom kif waslu b'mod partikulari; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jinvolvu aktar lill-immigranti diġà integrati fil-politika ta' integrazzjoni tagħhom biex jiffavorixxu skambji bejn immigranti u l-popolazzjoni lokali;

Or. it

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 141
Paragrafu 36

36. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2005 dwar ir-rabtiet bejn l-immigrazzjoni legali u illegali u l-integrazzjoni tal-migranti; ***jisħaq dwar il-ħtieġa li l-prijoritajiet dwar l-integrazzjoni jkunu riflessi b'mod koerenti f'numru ta' politiki għaliex l-integrazzjoni (soċjali) tolqot diversi oqsma;*** ˜jenfasizza li l-integrazzjoni ta' l-immigranti titlob miżuri integrali biex jiggarantixxu d-dħul fis-suq tax-xogħol kif ukoll id-drittijiet soċjali, ekonomiċi u politiċi li huma ta' l-istess importanza sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' Liżbona għat-tkabbir u l-kompetittività; ˜Ifakkar li l-integrazzjoni timplika drittijiet u dmirijiet kemm għas-soċjetà ospitanti kif ukoll għall-immigrant; jistieden lill-Istati Membri biex jikkoordinaw il-politiki nazzjonali tagħhom permezz tal-metodu miftuħ tal-koordinazzjoni fuq il-bażi tal-prinċipji komuni adottati f'Diċembru 2005 mill-Kunsill; ***(imħassar)***

Or. en

Emenda mressqa minn Giusto Catania

Emenda 142
Paragrafu 36 a (ġdid)

***36a. Iqis li t-tagħrif minn qabel tal-lingwa u tal-kultura ta' l-Istat Membru ospitanti***

***m'għandhiex tkun prerekwiżit essenzjali biex il-migranti jiġu ammessi f'dak l-Istat Membru;***

Or. it

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 143
Paragrafu 37

***imħassar***

Or. en

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 144
Paragrafu 38

***imħassar***

Or. en

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 145
Paragrafu 39

***imħassar***

Or. en

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 146
Titlu bejn il-paragrafi 39 u 40

***imħassar***

Or. en

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 147
Paragrafu 40

***imħassar***

Or. en

Emenda mressqa minn Johannes Blokland

Emenda 148
Paragrafu 40

40. Jisħaq fuq ir-risponsabbiltà partikulari li għandha l-midja, speċjalment dik tas-servizzi pubbliċi Ewropej tar-radju u t-televiżjoni, fix-xandir ta' xbieha ġusta ta' l-immigrazzjoni, l-integrazzjoni ***(tħassir);***

Or. nl

Emenda mressqa minn Alfredo Antoniozzi

Emenda 149
Paragrafu 41

***Imħassar***

Or. it

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 150
Paragrafu 41

***imħassar***

Or. en

Emenda mressqa minn Alfredo Antoniozzi

Emenda 151
Paragrafu 43

***Imħassar***

Or. it

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 152
Paragrafu 43

43. Jappoġġja l-proġetti ***(imħassar)*** biex iħarrġu u ***joffru korsijiet lingwistiċi fil-pajjiż ta' l-oriġini sabiex jgħinu l-immigranti jiżviluppaw kompetenzi u jippreparaw rwieħhom aħjar skond il-bżonnijiet fl-***UE;

Or. en

Emenda mressqa minn Johannes Blokland

Emenda 153
Paragrafu 43

43. Jappoġġja l-proġetti biex fil-pajjiżi terzi b' rata għolja ta' emigrazzjoni jinħolqu organi inkarigati biex iħarrġu u jinfurmaw ***migranti potenzjali, u dan għandu jinkludi l-provvediment ta' informazzjoni dwar l-aspetti negattivi ta' l-emigrazzjoni fl-Unjoni Ewropea;***

Or. nl

Emenda mressqa minn Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 154
Titlu bejn il-paragrafi 43 u 44

***imħassar***

Or. en

Emenda mressqa minn  Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 155
Paragrafu 44

***imħassar***

Or. en

Emenda mressqa minn  Alfredo Antoniozzi

Emenda 156
Paragrafu 45

***Imħassar***

Or. it

Emenda mressqa minn  Johannes Blokland

Emenda 157
Paragrafu 45

***imħassar***

Or. nl

Emenda mressqa minn  Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 158
Paragrafu 45

***imħassar***

Or. en

Emenda mressqa minn  Jeanine Hennis-Plasschaert

Emenda 159
Paragrafu 46

***imħassar***

Or. en